XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.42 (Tnejn u Erbgħin) tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill l-Erbgħa l-20 ta' Frar, 2013 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Azzopardi Joseph |
| Kunsilliera | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| | |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 SSTP –Monitoring Committee
Is-Sindku qal li l-laqgħa li jmiss ser issir fil-ġimgħat li ġejjin u s-Sindku qal kif appena jkollna d-data jgħadiha lil Kunsilliera wkoll.

3.2 Proġett tal-Belveder u Playground
Is-Sindku qal li l-proġett qabeż l-ispiża aktar min li kien mistenni. Il-Kunsill iddeċieda li nhar fit-3 ta' Marzu jinfetħu l-Bandli uffiċjalment liema Bandli ser ikunu parti mill-Proġett sħiħ li ser ikun jismu *Ġnien it-Torri tax-Xgħajra*.

3.3 Rimi bil-barge
Is-Sindku qal li l-problema tar-rimi bil-barge għada l-istess u propju jumejn ilu dan ir-rimi għamel roqgħa kbira ta' ħmieġ fil-baħar max-xatt minħabba li l-baħar kien imqalleb ħafna u għalhekk is-Sindku rega' kellem lil min hu responsabbli sabiex jieħu ħsieb li din il-problema ma tibqax issir.

XGĦAJRA

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Approvazzjoni tal-Financial Statements 2012

4.1 Accounts – Is-Sindku qal li s-Sur Adrian Chircop, l-Accountant tal-Kunsill qiegħed iħejji r-Rapporti finali tal-Accounts u għad baqalu x'affarijiet essenzjali tal-Accountant preċedenti, s-Sur Paul Bugeja. Is-Sur Bugeja kien rikoverat l-isptar għal għaxart ijiem. B ħalissa huwa jinsab id-dar sabiex jirkupra saħħtu lura. Is-Sur Bugeja qalilna li lest jikkopera u jgħina pero' ma jistax jiċċaqlaq għalissa. Is-Sindku qal li suppost għada rridu nissottomettu l-Accounts. Hemm affarijiet li ghadhom mhux ċari u għalhekk mhux ser ikunu lesti sa għada.

Għalhekk il-Kunsill iddiskuta w aċċetta l-fatt minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-accountant ta' qabel il-Kunsill mhux ser ikun qiegħed jissottometti l-Financial Statements fil-ħin u għalhekk il-Kunsill ser jistenna sakemm dawn ikunu kompluti kif suppost u jkun qiegħed juri l-istampa ċara tal-finanzi. Ġie deciz li s-Segretarju tal-Kunsill jikteb lid-Dipartiment fejn nispjegaw dawn il-fatt.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xahar ta' Frar, 2013 ġie approvat

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

6.1 Is-Sindku semma lista t'affarijiet li jridu jsiru fosthom bozoz, tranġar ta' bins u xogħol fuq il-playground il-ġdid tal-Proġett fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda - Aġġornament

7.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 26ta' Marzu, 2013 fis-5.00pm

, .

________________________ ________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt